MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Talba Numru. 16/2012

UDS Ltd
Vs
Gatt Enterprises Ltd

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu UDS Ltd. talbet illi l-kumpanija konvenuta tigi kkunndannata thallas is-somma ta’ elf u hamsa u hamsin Ewro (€1055) rapprezentanti somma ta’ bilanc dovut ghal servizz u xogholijiet li saru fil-bibien tal-proprjeta tal-kumpanija konvenuta numru tletin (30), triq il-Kapuccini, Victoria, Ghawdex u dan skond invoice numru 1458 annessa mal-avviz, rapprezentanti servizz moghti mill-kumpanija attrici UDS Ltd. liema servizz ma giex imhallas; u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Ra r-risposta intavolata seduta stante fit-30 ta’ Marzu 2012 (fol 11) fejn giet eccepita n-nuqqas ta’ kompetenza kif ukoll illi l-ammont reklamat mhux dovut

Ra’ d-digriet tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ April tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet assenjata biex tinstema fis-see tat-Tribunal gewwa Ghawdex.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu, u l-atti kollha tal-kawza, inkluz n-nota ta’ spjega prezentata mis-socjeta’ konvenuta fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elefjn u tnax (2012) (fol 30).

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess xhieda.

Ra d-digriet tieghu tat tmienja (8) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn jinhtieg li tigi indirizzata l-ewwel eccezzjoni cioe’ dik ta’ l-inkompetenza tat-Tribunal; li minkejja d-digriet tat-Tribunal tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ April tas-sena elfejn u tnax (2012), baqghet qatt ma giet irtirata. Korrettament it-Tribunal diversament presedut irrimetta l-atti lis-sede tat-Tribunal f’Ghawdex. It-Tribunal ghat-Talbiet Zghar huwa wiehed, uniku, b’sede f’Malta u ohra f’Ghawdex. Ghalhek ma hemmx kwistjoni ta’ kompetenza, izda l-kwistjoni li tqum hja biss dik tal-foro konvenjenti. It-Tribunal qatt ma huwa nkompetenti minhabba kwistjonijiet ta’ privilegium fori. Il-kawza kompliet tinstema Ghawdex kif riedu l-konvenuti; u ghalhekk kollox huwa proceduralment korrett. Ghalhek l-ewwel eccezjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu jigi notat illi fl-avviz tat-talba taghha l-kumpanija attrici titlob hlas *‘ghal servizz u xogholijiet li saru fil-bibien tal-propjeta tieghek 30 Capuchines street, Victoria, Gozo’* u dan skond invoice annessa.

L-invoice annessa ma ssemmiex fejn sau x-xogholijiet jew ezattament x'kienu jikkonsistu. Ghalkemm hemm imsemmi diversi numru ta' oggetti jidher illi dawn ma intalabx prezz defenit ghalihom izda intalab prezz globali ghal item deskritt bhala 'supplied and installed' fl-ammont ta' €1055.

Mill-provi jirrizulta illi dak li qed tirreklama l-kumpanija attrici huwa hlas ta' provvista u twahhil ta' bieb f'garaxx formanti parti minn blokka bini akbar fi Triq l-isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex (deskritt ahjar fl-att esebit a fol 52).

Imkien mill provi ma jirrizulta li sar xi xoghol ta' bibien (u mhux bieb wiehed kif jirrizulta mill-provi) fil-proprjeta fi Triq il-Kapuccini, Victoria, Ghawdex. Anzi huwa car illi dak il-bieb mertu tal-kawza huwa fil-Fontana, Ghawdex, cioe fi proprjeta ohra.

Lanqas jirrizulta x-xoghol lil min sar. Il-kumpanija attrici tghid illi x-xoghol sar ghal kumpanija konvenuta, mentri l-kumpanija konvenuta tilqa' billi tghid illi x-xoghol sar ghal William Gatt. William Gatt qatt ma gie msejjah f'dawn il-proceduri. Mill-provi rakkolti dan it-Tribunal ihoss illi x-xoghol verament sar ghal William Gatt kif jammetti d-direttur tal-kumpanija attrici fid-depozizzjoni tieghu a fol 31. Izda it-Tribunal ihoss illi ma ghandux jidhol f'din il-kwistjoni, ghaliex bil-mod kif inhi formulata t-talba l-istess talba ma tistax issib komfort mill-provi.

It-talba hi specifika u tirreferi ghal xoghol li sar fi proprjeta fi Triq il-Kapuccini, Victoria, Ghawdex. L-kumpanija attrici qatt ma talbet xi korrezzjoni ghal din it-talba li probabilment minhabba n-nuqqas ta' formalita li tapplika f'dan it-Tribunal ma kienx ikun hemm problema li tintlaqa.

Huwa minnu illi dan it-Tribunal huwa marbut li jiddeciedi skond l-ekwita u kif intqal ghandu jahrab il-formalizmu, izda l-principji ta' l-ekwita u n-non formalizmu ma jistghux jigu mgebbda biex ikopru talba li ma tirrizultax fl-avviz tat-talba.

Il-kawzali proposta mill-kumpanija attrici hija ghal kollox differenti minn dak li effettivament jirrizulta mill-provi u fil-verita ma ghandu xejn x'jaqsam mat-talba attirici. F'kaz bhal dan it-Tribunal huwa prekluz minn li jbiddel il-lasti tal-kawza (ara sentenza dwar kaz simili "Christain Xerri vs Paul Caruana" – Appell 28/11/2012).

It-talba kif proposta ma tirrizultax fil-mod indikat; t-talba kif proposta hija cara f'dak li qed tghid, u l-kumpanija attrici hija marbuta biha u ma tistax tuza l-istess ghal kawzali kompletament differenti, ghaliex altrimenti dan ikun qed jippregudika lill-parti l-ohra, li hija tenuta li tiddefendi l-azzjoni kif proposta, u mhux kawzali ohra li ma tirrizultax assolutament mit-talba, b'mod li l-parti mkarrka ma ghandhiex issofri pregudizzju ("Philip Tabone vs Concrete Mis Limited" (P.A. – 28 ta' Lulju 2004); "Raymond Bezzina vs Anthony Galea" (A.C. – 30 ta' Marzu 1998).

Fid-dawl ta' dan kollu l-kawza attrici ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddiciedi din il-kawza billi jichad it-talbiet tal-kumpanija attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------